MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2008

Numru 57/2008

**Pulizija**
**Spettur Alfred Mallia**

**Vs**

**Mariano Strano**
**Carmelo Strano**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mariano Strano ta' 54 sena, bin Sebastiano u Graziella nee' Zappala, imwieled Catania fis-17 ta' Lulju 1953, residenti Via Fiume, No. 6, Catania, detentur tal-karta ta' l-identita' Taljana No. AK 9883086;

U kontra Carmelo Strano, ta’ 43 sena bin Sebastiano u Graziella nee’ Zappala, imwieled Catania fit-12 ta’ Lulju 1964, residenti Via De Caro, 60B, Catania;

Talli fil-21 ta’ Jannar 2008, ghall-habta tas-2.30am, bhala s-sidien u padruni ta’ l-iskuna ‘Delfino’ 5CT864, bil-bandiera Taljana:

Stadu f’ibhra Maltin meta ma’ kellhomx il-licenzja necessarja kif mitlub minn Artikolu 10 (1) ta’ l-Att dwar il-Konservazzjoni u Amministrazzjoni tas-Sajd , Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta’ Malta;

M’avzawx lill-Awtoritajiet kompetenti li kienu dehlin fl-ibhra territorjali jew ta’ sajd Maltin bil-hut abbord, bi ksur ta’ l-Artikolu 11 (1) ta’ l-Att dwar il-Konservazzjoni u Amministrazzjoni tas-Sajd, Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ma’ kellhomx VMS li qieghed jikkomunika mas-sistema VMS Maltija, bi ksur ta’ l-Artikolu 3 (6) tar-Regolamenti Ewropew 2847/93 u l-emendi tieghu.

Wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 10 (1) u 11 (1) ta’ l-Att dwar il-Konservazzjoni u Amministrazzjoni tas-Sajd, Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Kif ukoll wara li rat l-Artikolu 3 (6) tar-Regolamenti Ewropew 2847/93 u l-emendi tieghu;

Ikkonsidrat:

Illi wara li semghet ix-xhieda prodotta u ezaminat id-dokument ezebit mill-Prosekuzzjoni;

U wara li l-Qorti tat iz-zmien rikjest mil-ligi liz-zewg imputati, sabiex jikkonsidraw l-ammissjoni taghhom;

U wara li l-Qorti semghet lill-istess zewg imputati jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom;

Din il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija taz-zewg imputati, qieghda issibhom hatja ta' l-akkuzi kif dedotti, u tikkundannahom ghall-multa ta' erbat elef, sitt mija u sittin Ewro kull wiehed (4660 Ewro) b'kollox disat elef, tlett mija w ghoxrin Ewro (9,320 Ewro).

Din il-Qorti qieghda wkoll tordna l-konfiska tal-hut indikat.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza liz-zewg imputati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------